MALTA

ATT Nru. XXXIII ta' l-1989

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jemenda l-Ordinanza dwar l-Estetika tal-Bini (Kap. 87).

ACT No. XXXIII of 1989

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend the Aesthetic Buildings Ordinance (Cap. 87).

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

ĊENSU TABONE
President

1 ta' Diċembru, 1989

ATT Nru. XXXIII ta' l-1989

ATT biex jemenda l-Ordinanza dwar l-Estetika tal-Bini (Kap. 87).

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor.

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1989 li jemenda l-Ordinanza dwar l-Estetika tal-Bini, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Ordinanza dwar l-Estetika tal-Bini, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "il-liġi prinċipali".

Kap. 87.

Emenda ta' l-artikolu 3 tal-liġi prinċipali.

2. Fl-artikolu 3 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "fil-postijiet imsemmijin fl-Iskeda li hawn ma' din l-Ordinanza jew f'kull post ieħor li l-Ministru responsabbli għax-xogħlijiet pubbliċi jista', minn żmien għal ieħor, iżid f'dik l-Iskeda b'notifikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern" għandhom jidħlu l-kliem "f'kull post".

Emenda ta' l-artikolu 4 tal-liġi prinċipali.

3. L-artikolu 4 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:—

(a) l-artikolu kif inhu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (1) tiegħu; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu kif enumerat mill-ġdid għandu jiżdied dan li ġej:

"(2) Għall-finijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, it-tqegħid ta' Terminal Riċevitur tat-Televiżjoni bis-Satellita fuq jew fl-inħawi ta' xi bini jew f'xi lok ieħor għandu jitqies bħala kostruzzjoni jew tibdil ta' bini.".

Emenda ta' l-artikolu 7 tal-liġi prinċipali.

4. Fl-artikolu 7 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "u xogħol ieħor ta' arkitettura:" għandhom jidħlu l-kliem "u xogħol ieħor ta' arkitettura; u bil-parir tal-Bord u tal-Ispettur Ewlieni tat-Telegrafija mingħajr Fili jista', dwar kull lokalità, jagħmel regoli biex jirregolaw it-tqegħid ta' *Terminals* Riċevituri tat-Televiżjoni bis-Satellita.".

Emenda ta' l-artikoli 10, 11 u 14 tal-liġi prinċipali.

5. Fl-artikoli 10, 11 u 14 tal-liġi prinċipali, minflok il-kliem "żewġ liri", kull fejn jinsabu, għandhom jidħlu l-kliem "għaxar liri".

Dispożizzjonijiet transitorji.

6. (1) Min mad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att ikollu mqiegħed Terminal Riċevitur tat-Televiżjoni bis-Satellita, li tqegħid tiegħu wara d-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att ikun jaqa' taħt l-artikoli 4, 6, 8 u 9 tal-liġi prinċipali, fuq bini jew f'xi lok ieħor għandu fi żmien xahrejn mid-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att, jissottometti lill-Bord ta' l-Estetika disinn kif hemm imsemmi f'dak l-artikolu u d-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli 4, 6, 8 u 9 tal-liġi prinċipali għandhom japplikaw daqslikieku t-Terminal Riċevitur tat-Televiżjoni bis-Satellita kellu jitqiegħed wara d-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att.

(2) Meta l-Bord ta' l-Estetika jew il-Qorti ta' l-Appell, kif ikun il-każ, jirriġettaw jew jemendaw id-disinn li jkun ġie preżentat skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, dik il-persuna għandha fi żmien xahrejn mid-deċiżjoni tal-Bord ta' l-Estetika jew meta jkun sar appell, tal-Qorti ta' l-Appell, tneħħi t-Terminal Riċevitur tat-Televiżjoni bis-Satellita jew tibdlu skond id-disinji emendati, kif ikun il-każ.

(3) Min jikser id-dispożizzjonijiet jew jonqos li jikkonforma ruħu mas-subartikoli (1) u (2) ta' dan l-artikolu, ikun ħati ta' reat, u meta jinstab ħati jeħel il-piena li hemm fil-Kodiċi Kriminali għal kontravenzjonijiet u l-qorti għandha, b'żieda ma' xi piena oħra li tista' tagħti, tordna lil min ikun ikkommetta r-reat li jikkonforma ruħu mal-liġi fi żmien dak il-perijodu li l-qorti tista' tikkunsidra li jkun suffiċjenti għal dak l-iskop.

Kap. 9

(4) Il-perijodu oriġinarjament stabbilit mill-qorti jista' għal raġuni ġusta jiġġedded wara li jsir rikors għal dak il-għan minn min ikun instab ħati tar-reat.

(5) Jekk min jinstab hekk ħati jonqos milli jesegwixxi dik l-ordni fi żmien dak il-perijodu li jiġi hekk stabbilit jew imġedded, huwa jista' jeħel ammenda ta' mhux iżjed minn għaxar liri għal kull jum li matulu jitkompla r-reat, u l-qorti tista' tordna t-tneħħija jew it-tibdil tat-Terminal Riċevitur tat-Televiżjoni bis-Satellita mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi bi spejjeż ta' min ikun instab ħati tar-reat.

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 313 tat-28 ta' Novembru, 1989.

LAWRENCE GONZI
Speaker

P. MUSCAT TERRIBILE
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati